13 ta' Mejju, 1944.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Arthur Leone Enriquez** *versus* **Onor. Eustrachio Petrococchino ne.**

**Subasta — Irkantatur Pubbliku — "Prize Court".**

***Fil-liġi ma hemm ebda ostakolu biex isir ftehim bejn publiku rkantatur u min iqabbdu fuq l-ammont tad-drittijiet jew kummissjonijiet li għandu jdaħħal ta' xogħlu. U ebda liġi speċjali ma jidher li hemm li tirregola speċifikatament id-drittijiet ta' l-irkantatur fis-subasti ordnati mill-"Prize Court".***

***Għalhekk għal dawn is-subasti hija applikabili l-liġi ordinarja ta l-irkantaturi publiċi; u għal din il-liġi l-partijiet jistgħu jidderogaw bi ftehim anterjuri għas-subasta.***

L-attur fit-taħrika qal li hu ġie nkarigat mill-konvenut fil-kwalità fuq imsemmija biex ibiegħ il-vapur taljan "Adige", li kien War Prize, in subasta publika; li l-konvenut meta tah dan l-inkariku, infurmah illi ma kellu dritt jeżiġi l-ebda dritt skond il-liġi, għax il-Gvern f'dan il-każ ma jħallasx drittijiet, u ffissalu d-dritt li seta jeżiġi minn għand il-kumpratur; u li b'dan il-mod il-kunsens tiegħu kien vizzjat; u l-konvenut, kuntrarjament għar-regolamenti li jirregolaw l-uffiċjali publiċi, ma setax jiġi fi trattativi fuq drittijiet li huma regolati mill-liġi espressa; talab li, wara li ssir kull dikjarazzjoni neċessarja u wara li jittieħed kull provvediment li jkun hemm bżonn, jiġi dikjarat null u ta' l-ebda effett il-ftehim li sar bejn il-kontendenti fuq id-drittijiet li hu għandu jeżiġi fil-bejgħ fuq imsemmi, u li d-dritt tiegħu tal-bejgħ in publika subasta tal-vapur "Adige" jiġi fissat skond it-tariffa li hemm ma' l-Ord. IV ta' l-1845 jew skond kwalunkwe liġi oħra illi tirregola d-

drittijiet tas-subasti *tal-vapuri*, u *l-konvenut jigi* fil-kwalità tiegħu personali kundannat iħallaslu d-danni illi huwa sofra in konsegwenza tal-kondizzjonijiet illi abużivament għamellu l-konvenut—danni *li jigu likwidati f'din, jew f'kawża* oħra. Bl-ispejjeż;

L-imħarrek wieġeb li fil-ftehim li sar bejn l-attur u l-esponenti ma kien hemm xejn *illeċitu*, u *għalhekk* it-talbiet ta' l-attur huma bla sebħ;

*Omissis;*

Il-Qorti tosserva li fil-liġi ma *hemm ebda* ostakolu għalbiex isir ftehim bejn publiku rkantatur u min iqabbdu fuq l-ammont tad-drittijiet jew kummissjonijiet li għandu jdaħħal l-irkantatur tax-xogħol; u sa *fejn setgħet tara* l-Qorti minn dak *li gie sottomess* lilha mill-kontendenti, ebda liġi speċjali ma hemm li tirregola speċifikatament id-dritt ta' l-irkantatur fis-subasti ordnati mill-*Prize Court*; u *għalhekk* dawk id-drittijiet *għandhom jigu* regolati mill-liġi ordinarja ta' l-irkantaturi publiċi, u għal dina l-liġi l-partijiet jistgħu jidderogaw bi ftehim anterjuri għas-subasta. *Fil-każ in eżami* hemm ftehim bejn il-*kontendenti* li iffissa l-ammont li kellu jdaħħal l-attur, kif gie fissat ukoll minn għand min kellu jitħallas. L-attur jippretendi li l-imħarrek induċieh fl-errur għaliex qallu li kien hemm *liġi speċjali* li tirregola l-każ u li ma kellux dritt jeżiġi drittijiet; iżda l-imħarrek ċaħad li qallu dan id-diskors, u fil-konflitt tal-provi l-Qorti ma tistax tagħti raġun lill-attur;

Għal dawn *ir-raġunijiet* il-Qorti tiċħad it-talbiet bl-ispejjeż kontra l-attur.